MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2007

Rikors Numru. 124/2007

**Cranes and Commercial Sales Limited**

**vs**

**Salvino Psaila**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' rikorrenti fejn ippremettiet:

Illi b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fil-5 ta' Dicembru 1997 s-socjeta` esponenti giet kanonizzata kreditrici tal-konvenut, fl-ammont ta' tlett elef u hamsa u erbghin lira Maltin u ghoxrin centezmu (LM3,045.20 - € 7093.41), oltre l-ispejjez u bl-imghax mid-data tas-sentenza.

Illi l-konvenut ma hallas xejn minn l-ammont minnu dovut.

Illi s-socjeta' esponenti tixtieq tezegwixxi s-sentenza fuq l-ammont lilha dovut *nonostante* li ghaddew il-hames snin mid-data tas-sentenza.

Ghaldaqstant s-socjeta' esponenti titlob bir-rispett illi din il-Qorti tordna l-esekuzzjoni tas-sentenza a tenur ta' l-Artikolu 258 tal-Kap 12.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` rikorrenti u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-intimat notifikat ma pprezentax risposta u lanqas deher ghar-rikors.

Rat li Dr Josette Grech ghan-nom tas-socjeta` rikorrenti kkonfermat bil-gurament il-kontenut tar-rikors u li l-ammont indikat fir-rikors ghadu kollu dovut u li ma thallas xejn fil-mori ta' dawn il-proceduri;

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta` rikorrenti tirrizulta gustifikata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti**, b'dan illi tawtorizzaha tesegwixxi s-sentenza datata 5 ta' Dicembru 2007 fl-ismijiet fuq indikati.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------